MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 38/2004

**Vincent u Grace konjugi Vella**

**vs**

**Marshall Limited**
**u**
**Marshall Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi jhallsu lill-atturi konjugi Vella, flimkien u in solidum bejniethom, is-somma ta' tlett elef mitejn hamsa u tmenin Liri Maltin (LM3,285.00,0),**

**rapprezentanti skadenza ta' sitt xhur kera ghall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru tas-sena 2003 u l-31 ta' Marzu tas-sena 2004, fuq il-fond kummercjali maghruf bl-isem "Swift", fi Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, mikri lilhom mill-atturi konjugi Vella in forza ta' skrittura privata ta' lokazzjoni datata 8 ta' Lulju ta' l-1999, liema skadenza ta' kera ghalqet u saret dovuta fl-1 t'Ottubru tas-sena 2003;**

**2. Bl-ispejjez , inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax legali dekorribbli mill-1 t'Ottubru tas-sena 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetajiet konvenuti rapprezentanti ta' liema huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Semghet lir-rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti jammetti t-talbiet indirizzati mill-atturi fil-konfront taghhom;**

**Semghet ix-xhieda ta' l-istess rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti jikkonferma d-debitu in dizamina taghhom fil-konfront ta' l-atturi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti Marshall Limited u Marshall Services Limited biex ihallsu lill-atturi Vincent u Grace konjugi Vella flimkien u in solidum is-somma ta' tlett elef mitejn hamsa u tmenin Liri Maltin, (LM3,285.00,0), rapprezentanti skadenza ta' sitt xhur kera ghall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru tas-sena 2003 u l-31 ta' Marzu tas-sena 2004 fuq il-fond "Swift", Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-**

**Bahar, lilhom mikri mill-imsemmija atturi in forza ta' skrittura privata ta' lokazzjoni datata t-8 ta' Lulju ta' l-1999, liema skadenza lokatizja ghalqet u saret dovuta fl-1 t'Ottubru tas-sena 2003, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------